**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta13 ta' Ġunju 2017

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 60

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 60 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 19 ta' Ġunju 2017 fil-5:30pm

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
59.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
59.5 Rapporti;
59.6 Il-viżta esploratorja tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv f'Comber, l-Irlanda ta' Fuq;
59.7 Aġġornament dwar il-bini ta' kmajra għall-ATM fil-Qrendi;
59.8 Aġġornament dwar Jum il-Qrendi 2018;
59.9 Aġġornament dwar it-talba tas-Soċjetajiet Mużikali għal bollards fi Triq Rokku Buhagiar;
59.10 Il-festi ta' raħalna matul is-sajf li ġej;
59.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
59.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-60 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 19 ta' Ġunju 2017 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-6:45pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatriċi | Yanika Ciappara |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

60.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

60.1.1 Ma' kien hemm l-ebda ittri x'jiġu moqrija.

60.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

60.2.1 Il-Minuti tad-59 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

60.2.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda l-Minuti.

60.2.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-Minuti.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 60.3, 60.4 u 60.5 jiġu diskussi wara Minuta 60.10 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

60.6 **IL-VIŻTA ESPLORATORJA TAS-SINDKU U S-SEGRETARJU EŻEKUTTIV F'COMBER, L-IRLANDA TA' FUQ**

60.6.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar il-viżta esploratorja li s-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon flimkien miegħu għamlu f'Comber, l-Irlanda ta' Fuq.

60.6.2 Qal li ż-żjara ta' tlett ijiem kienet ta' ħidma kbira fuq il-Festival Agrarju tal-Patata li jiġi organizzat kull sena.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

60.6.3 Spjega kif tgħallimna ħafna mill-aħjar prattiċi li jużaw huma u qal li anke huma jidhru li huma interessati ħafna li jaħdmu flimkien magħna dwar il-Festival.

60.6.4 Żied li min-naħa tagħna tkellimna wkoll dwar il-possibiltà ta' ġemellaġġ u anke dwar dan jidhru li huma interessati ħafna.

60.6.5 Qal li aħna stedinnihom sabiex is-sena d-dieħla jiġu jagħmlu żjara esploratorja min-naħa tagħhom matul il-Festival Agrarju tal-Patata tagħna.

60.6.6 Spjega kif waħda mill-problemi li nistgħu naffaċċjaw hi li s-sistema elettorali tal-Irlanda ta' Fuq tipprovdi li kull sena jinbidel is-Sindku fil-Kunsill Lokali, u għaldaqstant huwa l-każ li kull sena se nkunu qegħdin nitkellmu ma' Sindku differenti, xi ħaġa li tista' taffettwana.

60.6.7 Żied li bħala Festival Agrarju tal-Patata, huma jħarsu lejh fuq l-istess binarji kif inħarsu aħna, u dejjem jippruvaw li jżidu l-attendenza għall-Festival tagħhom minn edizzjoni għall-oħra u saħansitra qegħdin jaħdmu sabiex iżidu t-turiżmu fiż-żona tagħhom.

60.6.8 Qal li apparti l-patata, għandna l-baħar u t-turiżmu li huma komuni bejn iż-żewġ lokalitajiet, u dawn il-fatturi nistgħu nużawhom jekk kemm-il darba 'l quddiem jiġi deċiż li jsir ġemmellaġġ ma' dan il-villaġġ.

60.6.9 Fl-aħħar nett is-Sindku reġa' tenna li bħala viżta kienet waħda pożittiva ħafna.

## 60.7 <u>AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TA' KMAJRA GĦALL-ATM FIL-QRENDI</u>

60.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li għandna laqgħa mal-Perit tal-Kunsill Lokali kif ukoll mal-kuntrattur li se jkun qiegħed jaħdem fuq ix-xogħlijiet sabiex niddiskutu aktar fid-dettall dwar kif se nmexxu fuq dan il-proġett.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

60.7.2 Qegħdin nikkalkulaw li għandna madwar xahrejn sabiex inlestu l-bini tal-kmajra kif ukoll jiġu installati s-sistemi tad-dawl u l-internet sabiex il-magna tkun tista' taħdem bla problemi.

60.7.3 Qal li l-pjan tal-Kunsill Lokali hu li sal-aħħar ta' Settembru ta' din is-sena kollox ikun lest u allura n-nies ikunu jistgħu jużaw dan is-servizz.

## 60.8 AĠĠORNAMENT DWAR JUM IL-QRENDI 2018

60.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li fil-preżent il-Kappillan tal-Qrendi qiegħed ilaqqa' sottokumitat u li fih hemm is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon li qiegħed jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali.

60.8.2 Il-Viċi Sindku qal li s-serata ta' Ġieħ il-Qrendi u anke l-proċess ta' nominazzjonijiet, irridu ntuhom aktar pubbliċità milli qegħdin nagħtuhom.

60.8.3 Is-Sindku qal li bħala Kunsill Lokali rridu niddeċiedu jekk aħniex se ntellgħu xi mafkar artistiku, xi monument, jew xi ħaġa oħra.

60.8.4 Qal li fl-opinjoni tiegħu jekk issir xi ħaġa għandha ssir aktar lejn iċ-ċentru tal-lokal milli lejn il-periferija, u l-Kunsill Lokali għandu jiġi jekk issirx xi ħaġa nkella ma' jsir xejn.

60.8.5 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet jekk minflok mafkar jew monument nistgħux nagħmlu plakka kommemorattiva li ma tiħux daqshekk spazju.

60.8.6 Is-Sindku wieġeb li se niċċekkjaw mal-Kappillan jekk huwiex se jipproponi xi ħaġa simili hu biex ma jkunx hemm qiesu fotokopja tal-istess ħaġa.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 60.9 AĠĠORNAMENT DWAR IT-TALBA TAS-SOĊJETAJIET MUŻIKALI GĦAL BOLLARDS FI TRIQ ROKKU BUHAGIAR

60.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li wara li għamilna diversi kalkoli jidher li b'kollox se jkun hemm bżonn dsatax (19)-il toqba sabiex isiru dawn il-bollards.

60.9.2 Qal li l-Asfaltar se jkun qiegħed itaqqab it-toqob bla ħlas u malli ngħidulu biex jibda x-xogħol jaqbad u jibdih.

60.9.3 Spjega kif id-distanza bejn bollard u ieħor se tkun żewġ (2) metri u dan sabiex ma jkollniex numru kbir ta' bollards għaliex diġa' se jkun hemm ħafna.

60.9.4 Qal li matul il-jiem tal-festi tal-lokal, dawn il-bollards se jkunu responsabilità tas-Soċjetà li tkun qed tieħu dik il-festa partikolari.

60.9.5 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa jekk il-każini jistgħux jiffinanzjaw għaxar (10) pajpijiet kull wieħed.

60.9.6 Is-Sindku wieġeb li dan il-punt konna diġa' iddiskutejnih f'laqgħat preċedenti tal-Kunsill Lokali u kienet ittieħdet id-deċiżjoni li l-Kunsill Lokali jieħu ħsieb l-ispejjeż hu jekk kemm-il darba s-Soċjetajiet jaqblu li jarmaw il-festuni tad-dawl għall-Festival tan-Nar li sar f'Mejju li għadda.

## 60.10 IL-FESTI TA' RAĦALNA MATUL IS-SAJF LI ĠEJ

60.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li wasal il-perjodu tal-festi prinċipali fil-lokal tagħna u spjega kif s'issa diġa' ltqajna mas-Segretarju tas-Soċjetà Filarmonika Lourdes, fis-solita laqgħa li ssir dejjem qabel il-festa.

60.10.2 Qal li apparti dan għandha ssir laqgħa matul din il-ġimgħa mal-

Gwardjani Lokali li se jkunu qegħdin jieħdu ħsieb l-immanniġjar tat-traffiku lejlet u nhar il-festa.

60.10.3 Spjega kif barra minn hekk ħsibna wkoll għas-servizz tal-*mobile toilets* kif ukoll għas-servizz t'ambulanza.

60.10.4 Żied li fadal nitkellmu mal-Ispettur tal-Pulizija mill-Għassa taż-Żurrieq sabiex naraw kif se nmexxu kollox loġisitkament matul il-jiem tal-festa.

60.10.5 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa jekk huwiex se jsir ir-riċeviment f'jum il-festa kif sar fl-aħħar snin.

60.10.6 Is-Sindku wieġeb li din is-sena għad ma kellniex talba sabiex nilqgħu xi delegazzjoni barranija fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u personalment jaħseb li jekk kemm-il darba ma jkunx hemm talba simili dan ir-riċeviment m'għandux għalfejn isir.

60.10.7 Żied li l-membri tas-Soċjetà li tkun qed torganizza l-festa aktar ikun moħħhom biex jitilqu, u bir-raġun, milli joqgħodu għar-riċeviment li nagħmlu.

60.10.8 Fl-aħħar nett qal li s-Soċjetà Filarmonika Lourdes se jkollhom xi mistednin barranin lejlet il-festa u huwa mistieden sabiex jgħidilhom kelmtejn fis-sede tas-Soċjetà.

## 60.3 <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

60.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali kellna l-varar tal-*Collective Memory Archives*, fejn anke attenda l-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol Evarist Bartolo.

60.3.2 Is-Sindku tkellem dwar is-serata 'Patata mill-Hamrija' li kienet organizzata minn Inizjamed u Valletta18 bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali.

60.3.2.1 Qal li din kienet attività li għaliha attendew ħafna nies, pjuttost aktar milli kien mistenni.

60.3.2.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li din messha tkun serata annwali li tkun relatata mal-Festival Agrarju tal-Patata.

60.3.3 Is-Sindku tkellem dwar iż-żjara ta' sitt studenti b'abiltajiet differenti mill-Polonja fir-raħal tagħna.

60.3.3.1 Qal li dawn l-istudenti kienu hawnhekk bħala parti mill-proġett Erasmus +, fejn qattgħu jumejn jaħdmu fil-Ġnien tal-Kmand.

60.3.3.2 Spjega kif issa f'Ottubru li ġej se jiġi grupp simili li wkoll se jkunu qegħdin jagħmlu xi xogħlijiet fl-istess Ġnien.

60.3.4 Is-Sindku tkellem dwar Wied iż-Żurrieq u qal li qiegħed isir ħafna xogħol, fosthom it-tisbiħ tal-mollijiet.

60.3.4.1 Qal li bħalissa għaddej ix-xogħol fuq il-latrini pubbliċi li hemm f'dik iż-żona u x-xogħol mistenni li jitlesta dalwaqt.

60.3.4.2 Spjega kif sadanittant, sabiex ma noħolqux konvenjent lill-pubbliku, ġibna numru ta' *mobile toilets* sakemm jitlestew ix-xogħlijiet.

60.3.4.3 Żied li barra dan ix-xogħol sar xogħol ukoll fuq ir-*railings* kif ukoll qegħdin nipprovdu l-ġbir tal-iskart domestiku tliet darbiet fil-ġimgħa.

60.3.4.4 Qal li dan ix-xogħol kollu qiegħed jitħallas mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu minbarra l-ġbir tal-iskart domestiku, għaliex dak qegħdin nieħdu ħsiebu aħna bħala Kunsill Lokali.

60.3.4.5 Fl-aħħar nett saħaq li fiż-żona ta' Wied iż-Żurrieq għadhom qegħdin isiru diversi abbużi u warajna li tajna diversi ċansijiet, issa mhemmx mod ieħor x'nagħmlu ħlief li ndaħħlu l-pulizija minħabba dawn il-kontravvenzjonijiet.

60.3.5 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-kaktus li hemm fuq iż-żona magħrufa bħala "Il-Hnejja" u qal li dan issa kważi tneħħa kollu u komplejna

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

nsebbħu din iż-żona.

60.3.6 Is-Sindku tkellem dwar ittra mibgħuta mis-Segretarju tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija tal-Qrendi dwar il-Banda Santa Marija.

60.3.6.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li minn dak li hemm miktub fl-ittra jidher li waħda mill-attivitajiet li se tintmess se tkun Jum il-Qrendi, fejn jidher li mhux se jibqa' jkollna banda waħda bejn iż-żewġ Soċjetajiet.

60.3.6.2 Is-Sindku wieġeb li aħna bħala Kunsill Lokali nibagħtu l-istediniet tagħna bħas-soltu, imbagħad nistennew ir-risposta mingħand is-Soċjetajiet.

60.3.7 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza li rċevejna mingħand is-Sa Angela Vella bit-titlu ***Lifelong Learning 2017-2018***.

60.3.7.1 Qal li mill-korrispondenza jidher li jekk kemm-il darba jkun hemm konkorrenza, fil-Qrendi jista' jkollna dawn il-korsijiet:

*Crochet - MQF Level 1*

*Lace Making – Open Class*

*Monastery Works – MQF Level 2*

*Maltese – Introductory Level*

60.3.7.2 Qal li jekk kemm-il darba jkun hemm għaxar persuni jew aktar li japplikaw għal xi kors partikolari, allura dak il-kors isir fis-sala tal-Kunsill Lokali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 60.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

60.4.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa dwar il-mera li tinsab fi Triq Santa Katarina k/ma' Triq Francesco Buhagiar u qal li jidher li din intlaqtet minn xi trakk u nkisret.

60.4.1.1 Is-Sindku David Schembri wieġeb li din il-mera se nkunu qegħdin nieħdu ħsiebha aktar 'il quddiem.

60.4.2 Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-progress li sar fil-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali.

60.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li fil-jiem li ġejjin se nkunu qegħdin nippubblikaw is-sejħa għall-offerti.

60.4.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet jekk jistgħux isiru sinjal tal-veloċità tal-vetturi fi Triq il-Panorama.

60.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li dwar dan diġa' tkellem mal-Kummissarju tal-Pulizija u issa se nkellmu lil Transport Malta sabiex naraw jekk jistgħux jgħinuna f'dan ir-rigward.

60.4.3.2 Qal li l-uniku problema li jkollna f'dawn is-sinjali huma l-elementi naturali, għaliex kemm minħabba l-baħar kif ukoll minħabba x-xemx dawn it-tabelli jkollhom jinbidlu spiss.

60.4.4 Il-Kunsillier Sant Mifsud staqsiet jekk jistax isir *mobile toilet* f'Wied iż-Żurrieq maġenb it-taraġ l-imsaqqaf.

60.4.4.1 Is-Sindku wieġeb li wieħed irid jifhem li f'Wied iż-Żurrieq mhemmx biss il-latrini pubbliċi, imma kull ħanut għandu t-*toilet* tiegħu, kif ukoll min għandu l-*boat house* għandu *toilet* ukoll. Għaldaqstant ma tagħmilx daqshekk sens li npoġġu *mobile toilet* ieħor li fl-aħħar mill-aħħar jiġi jiswa ħafna flus ukoll u li probabilment inkunu rridu naraw kif se norbtuh għax mal-ewwel maltempata jispiċċa l-baħar.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 60.5 RAPPORTI

60.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar ħarġa għal Għawdex, u qal li din tista' ssir nhar l-Erbgħa 19 ta' Lulju 2017.

60.5.1.1 Qal li għal din il-ħarġa se nkunu qegħdin inżuru l-monti tan-Nadur, imbagħad immorru sar-Rabat, Għawdex, u wara mmorru x-Xlendi u Marsalforn.

60.5.1.2 Spjega kif il-prezzijiet se jkunu kif ġej:

Kbar u Anzjani - €15
Tfal - €9.50

60.5.1.3 Fakkar kif dawn il-prezzijiet ma jinkludux il-prezz tal-vapur.

60.5.2 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-ġurnata Sqallija li kellha tiġi organizzata fit-3 ta' Ġunju imma li kellha tiġi posposta minħabba l-Elezzjoni Ġenerali.

60.5.2.1 Qal li min-naħa tiegħu tkellem mas-Sur Joe Micallef sabiex jiċċekkja jekk din tistax issir matul ix-xahar ta' Lulju, imma sfortunatament Lulju huwa bbukkjat kollu.

60.5.2.2 Żied li s-Sur Micallef issuġerixxa li din il-ġurnata Sqallija ssir nhar il-Ħamis 24 t'Awwissu u l-prezz ikun ta' €134.

60.5.2.3 Kompla li ġurnata oħra li fiha tista' ssir din il-ħarġa hija s-Sibt 16 ta' Settembru.

60.5.2.4 Il-Kunsill Lokali qabel li għandna niċċekkjaw jekk tistax issir is-Sibt 16 ta' Settembru u nimxu fuq l-istess programm li kien ippjanat għat-3 ta' Ġunju.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 60.11 KUNSIDERRAZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

60.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €25,629.80 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 06/17 u €187.35 skont il-*Petty Cash* Ref U/05.

60.11.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

60.11.3 Il-Kunsillieri Daniel Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

60.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 60.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

60.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-6:45pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 ta' Lulju 2017 fit-3pm.

60.12.2 Il-Kunsillier Daniela Farrugia ressqet 'il quddiem din il-proposta li kienet issekondata mill-Kunsillier Olympia Sant Mifsud.

60.12.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

| | |
|---|---|
| ______________________ | ____________________ |
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |